# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar 2001

**Numru 3**

**Avviz. numru 437/98mm**

**Fogg Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Michael Galea abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-ligi u l-istess Michael Galea**

**vs**

**Maria Jorfjord u b'digriet tat-13 ta' Lulju 1998 il-Middle Sea Insurance plc giet konfermata kuratrici biex tidher ghall-imsemmija Maria Jorfjord stante li hi assenti**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fis-6 ta' Marzu,1998 fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuta li prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta' skond il-Ligi, thallas lis-socjeta' attrici Fogg Limited is-somma ta' sitt mija u tmienja u tmenin lira maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm688.49), jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat tas-socjeta' Fogg Limited, Michael Galea, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u jhallas ukoll lill-attur Michael Galea s-somma ta' erbgha u erbghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm44.28) ammont rapprezentanti d-dannu lilu kagunat bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura tieghu, piu' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) rapprezentanti *excess payment*, li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Mejju 1996 ghall-habta tal-5p.m. gewwa Santa Venera By Pass, Imsida, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni O-4047(M), proprjeta' ta' l-attur Michael Galea u l-vettura misjuqa minnu bin-numru tar-registrazzjoni LAA 415, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Mejju 1997, u dawk ta' l-ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma' l-att lis-socjeta' Middle Sea Insurance Company Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-28 ta'

Mejju 1997, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kumpanija Middle Sea Insurance plc fejn eccepiet illi:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku ma garax tort tal-konvenuta izda l-persuna responsabbli ghall-kollizzjoni kienet Michael Galea li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni O-4047.

2. Illi l-esponenti qieghdha tikkontesta wkoll l-ammont indikat mill-kumpanija attrici nomine et bhala danni sofferti rizultat ta' l-imsemmija kollizzjoni.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara kwazi fuq il-pont ta' Valley Road fejn hemm l-istabbiliment Eurosat bejn il-karozza Honda Civic bin-numru tar-registrazzjoni O-4047 M

proprjeta' u misjuqa mill-attur Michael Galea u l-vettura numru LAA 415 misjuqa minn Maria Jorfjord.

Michael Galea kien qed jipprocedi lejn l-Imsida fuq s-Santa Venera By Pass waqt illi Jorfjord kienet tiela minn Valley Road lejn il-By Pass ta' Santa Venera.

Irrizulta mill-provi li Michael Galea huwa assikurat bil-polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' attrici u wara li rrapporta dan l-incident sar s-survey fejn gew awtorizzati t-tiswijiet, u ntefqu l-flus illi gew irreklamati f'dan l-avviz. Galea xehed illi hekk kif tela' l-bridge ta' fuq Valley Road biex javvicina l-mini tal-Qroqq fejn hemm il-junction li tghaqqad mat-triq ta' Valley Road, il-konvenuta telghet minn din it-triq dritt ghal got-triq fejn kien huwa u baqghet diehla go fih. Il-hsarat tieghu kienu fuq quddiem, il-mudguard tax-xellug. Dak iz-zmien illi gara l-incident ma kienx hemm Stop Sign minn fejn harget il-konvenuta imma illum dan l-Stop Sign qieghed hemm.

Din il-versjoni hija korroborata minn Lucienne Cumbo. Peress illi l-konvenuta Maria Jorfjord kienet msiefra Alfred Gatt in rappresentanza tal-kumpanija assikurattrici esebixxa l-*claim form* fejn hemm il-versjoni mhux guramentata ta' kif gara dan l-incident minn nahha tal-konvenuta Maria Jorfjord. F'din il-versjoni Jorfjord qieghdha tghid illi Galea gie bi speed eccessiv u baqa diehel fiha. Gew esebiti diversi ritratti li juru l-hsarat subiti fil-karozza ta' Galea kif ukoll dawk subiti fil-karozza li kienet qed tuza Maria Jorfjord.

Ikkunsidrat:

Illi apparti l-fatt illi ma jidhirx li kien hemm xi ksur esagerat ta' xi regolamenti tat-traffiku biex gara dan l-incident, huwa ndikattiv illi llum minn fejn kienet hierga Jorfjord hemm Stop Sign. Dana jindika illi t-triq illi kien qed juza Michael Galea hija ferm aktar importanti mit-triq illi kienet qed tuza Jorfjord. Barra minn hekk, skond l-isketch a fol 41 jidher illi Galea kien qieghed speci jdur ma' roundabout, mentri Jorfjord kienet tiela ghad-dritt. F'dan il-kaz il-precedenza kellha tinghata lill-karozza illi kienet qieghdha ddur mar-roundabout li hija dik ta' Galea u ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandha tahti unikament il-konvenuta Maria Jorfjord.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tiddikjara li Maria Jorfjord bhala responsabbli ghal dan l-incident li gara fit-2 ta' Mejju 1996. Tikkundannaha li thallas lis-socjeta' attrici Fogg Limited is-somma ta' sitt mija u tmienja u tmenin lira maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm688.49), rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat tas-socjeta' Fogg Limited, Michael Galea, li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u thallas ukoll lill-attur Michael Galea is-somma ta' erbgha u erbghin lira u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm44.28) ammont rapprezentanti d-danni lilu kagunati bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura tieghu, piu hamsa u ghoxrin lira (Lm25) rapprezentanti excess payment, li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni. Dawn id-danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-

2 ta' Mejju 1996 ghall-habta tal-5p.m. gewwa Santa Venera By Pass, Imsida bejn il-vettura bin-numru O-4047(M), proprjeta' ta' l-attur Michael Galea u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru tar-registrazzjoni LAA 415, kif inghad liema incident sehh unikament bhala negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenuta. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg